

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: EU

Konvenuta: PE Digital GmbH

Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 14(3) tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex jiġi stabbilit l-ammont proporzjonali li għandu jitħallas mill-konsumatur lill-kummerċjant meta dan il-konsumatur ikun espressament talab li l-eżekuzzjoni tal-kuntratt konkluż tibda matul it-terminu ta' rtirar u jirtira minn dan il-kuntratt, għandu, bħala prinċipju, jittieħed inkunsiderazzjoni l-prezz miftiehem fl-imsemmi kuntratt għas-servizzi kollha li huma s-suġġett tal-istess kuntratt u li jiġi kkalkolat l-ammont dovut prorata temporis. Huwa biss fil-każ fejn il-kuntratt konkluż jipprevedi espressament li servizz wieħed jew iktar huma pprovduti integralment mill-bidu tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt, b'mod distint, bi prezz li għandu jitħallas separatament, li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-prezz kollu previst għal tali servizz fil-kalkolu tal-ammont dovut lill-kummerċjant skont l-Artikolu 14(3) ta' din id-direttiva.
- 2) L-Artikolu 14(3) tad-Direttiva 2011/83, moqri fid-dawl tal-premessa 50 tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex jiġi evalwat jekk il-prezz totali huwiex eċċessiv, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-prezz tas-servizz offrut mill-kummerċjant ikkonċernat lil konsumaturi oħra taħt l-istess kundizzjonijiet kif ukoll dak tas-servizz ekwivalenti pprovdut minn kummerċjanti oħra fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt
- 3) L-Artikolu 16(m) tad-Direttiva 2011/83, moqri flimkien mal-punt 11 tal-Artikolu 2 tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-istabbiliment, permezz ta' sit internet ta' appuntamenti, ta' rapport ta' evalwazzjoni tal-personalitá abbażi ta' test ta' personalitá mwettaq minn dan is-sit ma jikkostitwixx il-provvista ta' "kontenut diġitali", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

(¹) ĠU C 27, 27.1.2020.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-8 ta' Ottubru 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Curtea de Apel Alba Iulia – ir-Rumanija) – FT vs Universitatea "Lucian Blaga" Sibiu, GS et, HS, Ministerul Educației Naționale

(Kawża C-644/19) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Direttiva 2000/78/KE – Ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjeg u tax-xogħol – Artikoli 1, 2 u 3 – Direttiva 1999/70/KE – Ftehim qafas bejn CES, UNICE u CEEP fuq ix-xogħol għal żmien determinat – Klawżola 4 – Prinċipju ta' nondiskriminazzjoni – Miżura adottata minn istituzzjoni universitarja skont id-dritt nazzjonali – Żamma tal-istatus ta' għalliem permanenti lil hinn mill-etá legali tal-irtirar – Possibbiltá rriżervata għall-għalliema li għandhom it-titolu ta' direttur tat-teżi – Għalliema li ma għandhomx dan it-titolu – Kuntratti għal żmien determinat – Remunerazzjoni inferjuri għal dik mogħtija lill-għalliema permanenti)

(2020/C 414/17)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Qorti tar-rinviju

Curtea de Apel Alba Iulia

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: FT

Konvenuti: Universitatea "Lucian Blaga" Sibiu, GS et, HS, Ministerul Educației Naționale

Dispożittiv

- 1) L-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78 tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma japplikawx għal leġiżlazzjoni nazzjonali li permezz tagħha, fost il-persunal għalliem ta' istituzzjoni universitarja li jkomplu jeżerċitaw il-professjoni tagħhom hemmhekk wara li jkunu laħqu l-età legali tal-irtirar, huma biss dawk l-għalliema li għandhom it-titolu ta' direttur tat-teżi li jistgħu jżommu l-istatus tagħhom ta' għalliem permanenti, filwaqt li l-għalliema li ma għandhomx il-kwalità ta' direttur ta' teżi jistgħu jikkonkludu biss ma' din l-istituzzjoni kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat, b'sistema ta' remunerazzjoni inferjuri għal dik mogħtija lill-persunal għalliem permanenti.
- 2) Il-punt 1 tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li jinsab fl-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li ttipprovi li, fost il-persunal għalliem ta' istituzzjoni universitarja li jkomplu jeżerċitaw il-professjoni tagħhom hemmhekk wara li jkunu laħqu l-età legali tal-irtirar, huma biss dawk l-għalliema li għandhom it-titolu ta' direttur tat-teżi li jistgħu jżommu l-istatus tagħhom ta' għalliem permanenti, filwaqt li l-għalliema li ma għandhomx il-kwalità ta' direttur ta' teżi jistgħu jikkonkludu biss ma' din l-istituzzjoni kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat, b'sistema ta' remunerazzjoni inferjuri għal dik mogħtija lill-persunal għalliem permanenti, sakemm l-ewwel kategorija ta' għalliema hija magħmula minn ħaddiema għal żmien indeterminat komparabbli ma' dawk li jaqgħu taħt it-tieni kategorija u li d-differenza fit-trattament relatata, b'mod partikolari, ma' dik is-sistema ta' remunerazzjoni, ma hijiex iġġustifikata minn raġuni oġġettiva, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.

(¹) ĠU C 406, 2.12.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-8 ta' Ottubru 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesfinanzhof – il-Ġermanja) – Finanzamt D vs E

(Kawża C-657/19) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Eżenzjonijiet – Artikolu 132(1)(g) – Provvista ta' servizzi marbuta mill-qrib mal-ghajjnuna soċjali u mas-sigurtà soċjali – Redazzjoni ta' rapporti ta' evalwazzjoni dwar l-istat ta' dipendenza – Persuna taxxabbli kkummissjonata mis-servizz mediku tal-assigurazzjoni għal dipendenza – Organi rrikonoxxuti bħala li għandhom natura soċjali)

(2020/C 414/18)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesfinanzhof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Finanzamt D

Konvenut: Z

Dispożittiv

L-Artikolu 132(1)(g) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud għandu jiġi interpretat fis-sens li:

- ir-redazzjoni ta' rapporti ta' evalwazzjoni tad-dipendenza minn espert indipendenti fisem is-servizz mediku ta' skema ta' assicurazzjoni għal dipendenza, li jintużaw minn din tal-aħħar sabiex tevalwa l-portata tad-drittijiet għall-benefiċċji ta' ghajjnuna soċjali u ta' sigurtà soċjali li jistgħu jibbenefikaw minnhom il-persuni assicurati tagħha, tikkostitwixxi provvista ta' servizzi marbuta mill-qrib mal-ghajjnuna soċjali u mas-sigurtà soċjali sakemm din ir-redazzjoni tkun indispensabbli sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tajba tat-tranżazzjonijiet li jaqgħu f'dan il-qasam;